**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**19 ta' Diċembru, 2021**

# MILIED QADDIS



Nhar is-Sibt li ġej niċċelebraw il-festa qaddisa tal-Milied. Kif jgħid San Franġisk t'Assisi, "Ġesù huwa l-imħabba t'Alla magħmul bniedem". Baqa' biss ftit jiem għall-Jum Qaddis. Nhar il-Ħamis li ġej intemmu n-Novena tal-Milied. Minn hawn nistednukom għall-quddiesa tal-lejl tal-Milied. Imbagħad bħala komunità parrokkjali aħna nagħlqu s-sena 2021 bi tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù fl-Ewkaristija. Għandkom il-programm tal-festi u fih issibu l-ħinijiet tal-funzjonijiet l-iktar importanti.

Nixtieq insemmilkom mill-ġdid li fuq il-programm issibu l-ħinijiet tal-qrar. Il-ferħ tal-Milied huwa xi ħaġa li nibqgħu nħossuha mhux biss fil-jum tal-25 imma matul is-sena kollha. Kull meta nħallu lil Kristu jibdilna u jqarribna lejH permezz ta' qrara tajba, huwa jibdilna fi bnedmin ġodda. Ir-rikonċiljazzjoni mal-Mulej tgħinna ntejbu l-istess relazzjonijiet umani ta' bejnietna, ibda mill-istess familja tagħna. Sabiħ tara l-Bambin tal-Milied fil-maxtura. Isbaħ meta tħejji post għalih fil-qalb tiegħek.



Fl-aħħar nett, fil-jiem tal-Kwaranturi, ejjew inħallu ftit ħin dedikat għal Ġesù fl-Ewkaristija.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**WARMTH OF CHRISTMAS—KUNĊERT TAL-MILIED BIL-VJOLIN:** nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru, 2021 fis-7:15pm fil-knisja ser jittella' kunċert tal-Milied minn Chelsea Xuereb bil-vjolin u Amy Rapa bil-pjanu. Nixtiequ naqsmu l-ferħ li jġib dan iż-żmien permezz ta' siltiet tal-Milied kif ukoll siltiet ta' mużika klassika. Kulħadd huwa mistieden.

**IN-NADUR TEEN & YOUTH CENTRE:** javża li se jkun qed jiċċelebra quddiesa għad-dawl tax-xemgħa ('Candlelight mass') nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru fis-7:30pm. Kulħadd huwa mistieden.

**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** infakkrukom biex tkomplu tgħinu billi tieħdu karta minn mas-siġra tal-karità li ssibu fil-knisja. Din is-sena qed ngħinu lid-Dar tal-Providenza, l-FSWS Gozo, Caritas Gozo u l-OASI.

**IS-SITT KARTOLINA** li turi r-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu mis-sensiela 'Mill-Patrimonju Naduri' għadha kemm ġiet ippubblikata. Din tista' tinkiseb mingħand il-Kan. Dun Reuben Micallef għall-prezz ta' €2.00.

**GRAZZI:** Nirringrazzjaw lill-ħanut Bubbles ġewwa l-Belt Victoria li ġentilment irregala madwar mitejn kilo materjal tal-brass lill-parroċċa tagħna. Dan il-materjal issa jinbiegħ biex jinġabru aktar fondi għall-parroċċa.

Fil-ktieb *The Prophet* l-awtur jgħidilna kif niltaqgħu m'Alla permezz tal-ħolqien.
"And if you would know God, be not therefore a solver of riddles.
Rather look about you and you shall see Him playing with your children.
And look into space; you shall see Him walking in the cloud, outstretching His arms in the lightning and descending in rain.
You shall see Him smiling in flowers, then rising and waving His hands in trees."

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am